MINUTI

REGJUN CENTRALI

LAQGHA NUMRU 13

21 ta’ Lulju 2011

Il-kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa’ fl-ufficccju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida fl-indirizz Pjazza Menqa Msida fis-6.00pm

**Prezenti**

President tar-Regjun Dr. Malcolm Mifsud, Is-Sur Peter Bonello Sindku San Giljan, Is-Sur Horace Anastasi Sindku Santa Venera, Is-Sur Michael Fenech Adami Sindku Birkirkara, Ms. Antoinette Vassallo Sindku Ta’ Xbiex, Dr. John Zammit Montebello Sindku Balzan, Is-Sur David Dalli Vici Sindku San Gwann, Ms.Margaret Baldacchino Vici Sindku Msida, Sur Joe Camilleri Vici Sindku Gzira, Is-Sur David Soler Ufficcjal Awtorizzat u Is-Sur Samuel Herd Segretarju Ezekuttiv.

**Skuzat**

Kunsill Sliema – raguni moghtija – Laqgha tal-Kunsill

**Assenti minghajr raguni**

Kunsilli – Iklin, Lija, Attard

**Agenda**

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Approvazzjoni tas-skema tal-pagamenti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ghal ghoti tat-tender LES
5. Approvazzjoni ghal ftuh ta' kontijiet bankarji ghal uzu specifiku tal-LES
6. Executive Secretary signature NDA
7. $1^{ST}$ call for strategic projects under the Italy – Malta 2007 – 2013 operational programme

Qabel ma bidet il-laqgha saret minuta silenzju bhala rispett ha Sinjura Mary Fenech Adami.

**Minuti**

1. Gew approvati unanimament il-minuti tal-laqghat 9,10 u 11 u sekondati mis-Sur Joe Camilleri.

**Approvazzjoni tas-Skema tal-pagamenti**

2. Giet approvata unanimament u sekondata mis-Sur Peter Bonello

**Korrispondenza**

3. Ittra nru. 4 (15/06/11) minghand Banif Bank rigward it-tigdid tal-garanzija tal-Aurelia Enforcement Ltd.

Ittra nru 5. (22/06/11) minghand id-dipartiment tal-Gvern Lokali rigward trasferiment tal-impjegati mar-Regjun Centrali.

Ittra nru 6. (30/06/11) minghand Projects Selection Appeals Board

**Approvazzjoni ghal ghoti tat-tender LES**

**4.** Dr. Malcolm Mifsud informa lill-kumitat li r-Regjun Centrali rebah il-kaz ta' l-appell li kien gie pprezentat min Aurelia Enforcement Ltd.

Hu zied jghid li nfetah it-tielet envelopp ta' dan it-tender u wara ltaqa' l-bord tal-aggudikazzjoni. Dan qieghed jirrikmanda li t-tender jigi moghti lill-Guard and Warden Service House Ltd.

Dr. Mifsud qara letter of acceptance li ghandha tintbghat lill dan it-tenderer halli jkun jista jigi ffirmat il-kuntratt il-gdid. Kien hemm diskussjoni generali rigward diversi punti f'din l-ittra. Is-sur Michael Fenech Adami u -sur Anastasi talbu xi kjarifiki li gew mwiegba min Dr. Malcolm Mifsud. Is-Sur David Soler ssostna li ghandha tispicca s-sistema li l-kunsilli jitolbu lill l-ufficcjal awtorizzat meta jkollhom bzonn gwardjani lokali matul l-gurnata, halli dawn jkomplu jaqdu dmirhom fejn mibghuta mill-AO. Huwa zied jghid ir-rotot ma jridux jinbidlu min kif qeghdin bhallissa halli dawn jkomplu jkunu efficcjenti, inkluzi l-eco wardens. Is-Sur Peter Bonello ppropona li wara perjodu ta' tlett xhur mill-bidu ta' thaddiem ta' dan it-tender, ghandhom jsiru analizi fuq ir-rizultati ta' dan il-perjodu. Fl-ahhar ta' diskussjoni, l-membri prezenti approvaw unanimament li l-ittra tintbghat lill-Guard and Warden Service House Ltd.

**Mozzjoni ghal ftuh ta' kontijiet bankarji ohra ghal uzu specifiku LES**

5. Il-kumitat tar-Regjun Centrali japprova l-ftuh ta' zewg kontijiet bankarji ghal uzu tal-Local Enforcement System. Il-mozzjoni kienet ipproponuta mill-President u sekondata mis-Sur Joe Camilleri.

**Executive Secretary Signiture NDA**

6. Waqt din il-laqgha gie kkuntattjat Is-Sur Fenech Conti CEO Loqus Services. Huwa approva li dan il-ftehim jkun iffirmat mis-Sur Samuel Herd u Datatrak.

**1st Call for strategic Projects under the Italy – Malta 2007 – 2013 operational programme**

7. Is-Segretarju Ezekuttiv se jibghat id-dettalji ta' dan il-program lill-Kunsill kollha ta' dan ir-Regjun

Fl-ahhar tal-laqgha l-kumitat approva unanimament il-proposta ta' Dr. Zammit Montebello li jibdew jinghataw lezzjoniijiet fuq kif ghandhom jigu moghtija attenzjoni diversi mard komuni u kif il-pazjenti ghandhom jiehdu hsieb taghhom infushom. Il-kunsilli ta' Hal Balzan u Birkitrkara diga offrew li dawn il-lezzjonijiet jibdew isiru fil-kunsilli taghom.

Il-laqgha spiccat fi-7.45pm. Id-data u l-hin tal-laqgha li jmiss jigu kkomunikati aktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| Samuel Herd | Dr. Malcolm Mifsud |
| Segretarju Ezekuttiv | President |